# Il-Pesta f'Malta u f'Ħal Kirkop

**Joseph Carbone**

*Is-sena 1813 żgur li tibqa' mfakkra għall-akbar mewġa qerrieda ta' pesta f'Malta, bi ftit anqas minn 5,000 vittma. Illum 200 sena wara, nirringrazzjaw lil Joseph Carbone li żamm l-appuntament tiegħu u tana ħarsa estensiva fuq il-pesta f'Malta u f'Ħal Kirkop.*

L-aktar ħaġa li kienet tkexkex lill-poplu Malti barra l-ġuħ u l-waqgħa fil-jasar, kien il-mard. Meta kien jonqos l-ikel kienu jmutu n-nies, l-aktar trabi u tfal. L-attakki fuq il-gżejjer Maltin mil-kursari dejjem ħolqu biża' kbir fost il-poplu. Imbagħad xi ngħidu għal-mard? Ma ninsewx, li ċertu għerf mediku kien għadu fid-dlam. Il-bniedem la kien għadu jaf minn fejn joriġina l-mard u l-anqas kif kellu jitfejjaq. Għalhekk il-poplu kien jgħix f'biżgħa kontinwa li ma tmurx jitfaċċa xi flaġell u jiżra' qerda sħiħa fost il-poplu. Kien ikun hemm min juża l-ħxejjex kontra ċertu mard iżda għall-mard kontaġġjuz bħall-pesta, ġidri, kolera u mard infettiv ieħor, ma kienu għadhom jafu xejn kif u x'fatta jfejquh. Meta kien jaħkem mard bħal dan kien iħalli ħerba sħiħa mill-poplu tagħna u l-poplu kollu kien ibati anke dawk li ma jinħakmux mill-mard l-aktar jekk il-marda ttul għax kien jaqa' għaks kbir. Dan għaliex meta l-kelma kienet tasal f'pajjiżi ġirien, Malta kienet tiġi iżolata u l-ebda kummerċ ma kien jitħalla jsir. Viċi versa, jekk barra minn Malta bħal fi Sqallija, kien ikun hemm xi marda, ma kienx jitħalla jsir kummerċ ma' Malta. Hekk ġara bejn is-snin 1590 u 1600, Sqallija ntlaqtet mill-pesta. Barra mwiet kien hemm ġuħ kbir għax anke l-uċuħ tar-raba' baqgħu lura. Għalhekk Malta batiet ukoll, għax ma setgħux jimportaw qamħ peress li l-Isqallin kellhom nuqqas u kien hemm il-mard.



**Karikatura tas-seklu 17 li turi tabib fi żmien ta' pesta**

Kif għidna, minn żmien għal żmien kienet tfiġġ il-pesta li kienet tħarbat popli sħaħ. Dan kien minħabba li kien għad hawn nuqqas kbir ta' tagħlim fid-dinja kollha, allura l-popli kollha kienu għadhom fid-dlam fejn tidħol il-prevenzjoni u l-kura kontra l-mard. L-iġene żgur li ma kienetx fil-vokabularju tagħhom. Jorqdu u jqumu mal-istess annimali li jrabbu. Ħasil u kura tal-ġisem? Indafa? Min jaf? Tant kien kbir in-nuqqas ta' għerf



**Giuseppe d'Arena, *Il-Madonna u l-Bambin Tinterċedi ma' Santu Rokku u San Bastjan għall-Vittmi tal-Pesta*, Knisja Parrokkjali tas-Salvatur, Ħal Lija**

dwar fejqan ta' din il-marda, li kien hemm min jordna lill-morda, biex jinħaslu fl-urina umana. Jindilku bil-ħmieġ uman. Ipoġġu xi annimal mejjet fid-djar tal-milqutin. Jużaw is-sangisugi, biex ibattlu l-bubuni tal-pesta biex jiġbdu d-demm, materja u materjal ieħor li kienu jkunu mimlijin bihom, inkella jordnaw biex jinfasdu dawn l-istess bubuni, biex jitbattlu mil-materjali li kien ikun fihom. Jiżolaw lill-pazjenti (xi ħaġa ta' ġid), jordnawlhom ikla tin qabel is-sitta ta' fil-għodu. Ta' kuljum iqattgħu serp f'biċċiet. Jorqdu n-naħa tax-xellug tas-sodda. Ma jorqdux bi nhar. Ma tantx jiċċaqilqu u ma jieklux deżerta. Forsi min jaqra dan, jidħak, iżda ma ninsewx li dak iż-żmien it-tagħlim kien għadu bogħod wisq għalihom u mingħalihom kienu jkunu qed jagħmlu xi ħaġa ta' ġid. L-aqwa kura kienu jsibuha fit-talb, fejn kienu jirrikorru lejn il-ħniena tas-Sema biex jaqilgħulhom grazzja u jfiqu jew inkella jbiegħdu l-mard. Kellu jkun fis-snin 90 tas-seklu 19, li saru jafu l-kawza tal-marda u kif kienet tinxtered. It-tobba ta' sekli preċedenti, ma kienux għadhom jafu kif toriġina u tinxtered hekk malajr din il-marda. Kienu jafu biss li tittieħed u f'xi żmien kienu bdew jiżolaw il-pazjenti u lil min kien jgħix magħhom. Ħaġa li kienet ta' għajnuna biex tiġi kkontrollata l-marda. L-istess tobba, biex jiskansaw li jittieħdu mill-pazjenti li kienu jżuru kienu jilbsu lbies protettiv u fuq wiċċhom kienu jilbsu maskra forma ta' munqar t'għasfur. Fil-parti li tixbaħ il-munqar, kienu jimlewha bil-ħall, żjut u materjal ifuħ, biex itaffu mir-riħa li kienet toħroġ mill-iġsma tal-moribondi u l-mejtin. Kienet ukoll tbiegħed il-marda milli tidħol fihom mill-imnifsejn. Dan għaliex kienu jaħsbu li l-marda tal-pesta kienet tiġi minn arja ħażina u titieħed mill-imnifsejn meta jinġibed in-nifs.

Il-marda qerrieda tal-pesta ilha magħrufa eluf ta' snin. Jissemmew tliet tobba li kienu jgħixu xi 300 sena qabel Kristu, kienu ħallew miktub li fi żmienhom marda qalila, li kienet tingħaraf permezz ta' għoqod fuq il-kuxtejn, kienet ħalliet ħerba sħiħa ġol-Libja. Il-kittieb/storiku Taċitu, isemmi li fis-sena 68 WK kellhom il-pesta. Fis-sena 80 WK, f'Ruma kellhom il-pesta, fejn kienu jmutu madwar 10 000 ruħ kuljum. Fi żmien l-Imperatur Trajanu ( 98-117 WK), it-tabib Rufus kiteb li fi żmienu l-pesta xterdet fil-Libja, fl-Eġittu u fis-Sirja. Jissemmew pesti oħra li laqtu lil Ruma fosthom dik tas-sena 173W.K., li kważi qerdet l-armata Rumana kollha. Għadhom jissemmew tlett epidemiji tal-pesta kbar, li laqtu u qatlu popli sħaħ, madwar id-dinja. Fis-sena 542, tissemma l-pesta ta Ġustinjanu. Madwar 70 000 ruħ mietu f'Kostantinopli fi żmien sentejn. Darba oħra li tissemma epidemija tal-pesta fuq skala kbira, kien bejn l-1346 u l-1350. Din laqtet kważi l-Ewropa kollha, u qerdet madwar terz mill-popolazzjoni, xi 25 miljun ruħ. It-tielet epidemija maġġura faqqgħet fl-1890. Oriġinat fil-Manċurja, imxiet għal San Francisco, l-Indja u l-Asja. Kienet qatlet madwar 12,597,789 ruħ. Ma jfissirx, li l-marda tal-pesta ma laqtitx drabi oħra. Kienet tfeġġ minn żmien għal-żmien u tagħmel ħerba mill-poplu tal-pajjiż fejn tkun laqtet.

F'Malta? F'Malta, il-marda qerrieda tal-pesta, feġġet kemm-il darba u kemm-il darba għamlet ħerba mill-poplu tagħna. Ġieli laqtet ħafif, iżda bosta drabi, meta feġġet, qerdet ħajjiet bl-addoċċ.



**Pietro Paoloa Caruana, *Il-Pesta tal-1813*, Mużew Nazzjonali tal-Arti, Heritage Malta**

L-ewwel darba li nstab tagħrif dokumentat kienet dik tas-sena 1348. Din il-pesta kienet għamlet straġi kbira fost il-Maltin. Fl-1431, fi żmien il-Ħakem Francesco Gatto u l-Isqof Mauro Cali', kienet laqtet ħafif, tant li damet madwar 3 xhur u qatlet ftit. Fl-1453-55 reġgħet feġġet il-pesta. Mietu madwar 700 ruħ. Fl-1501 kien hawn il-mard u mietu ħafna nies. Fl-1519, fi żmien il-Ħakem Ambrogio Falzone u l-Isqof Andrea Valle, reġa' kien hawn il-pesta. Din id-darba kienet qalila. Fl-1575 fi żmien il-GM La Cassiere feġġet il-marda tal-pesta, kienu mietu madwar 3000 ruħ. Fl-1592, fi żmien il-Gran Mastru Verdala u l-Isqof Tommaso Gargallo, il-marda tal-pesta reġgħet feġġet. Damet iġġebbed madwar sbatax-il xahar. Kienu mietu madwar 4000 ruħ, minn popolazzjoni ta' madwar 27 000 ruħ. Bħala wiegħda għal-ħelsien mill-pesta, il-Ġurati tal-Università, bnew il-knisja ta' Santu Rokku ta' Montpellier fi triq Sant Ursola l-Belt Valletta. Bdiet issir it-tiġrija ta' Santu Rokku nhar is-16 t'Awwissu l-ewwel tal-Pietà, imbagħad żmien wara bdiet issir fir-Rabat. Fl-1623, fi żmien il-Gran Mastru De Paule u l-Isqof Cagliares, feġġgħet il-pesta però kienet laqtet ħafif. Tant li minn popolazzjoni ta' madwar 38,000 ruħ, madwar 40 ruħ biss qatlet. Fl-1655 fi żmien il-Gran Mastru Lascaris u l-Isqof Balaguer, reġgħet laqtet ħafif il-marda tal-pesta tant li mietu biss madwar 20 ruħ. Bejn l-1675 u l-1676, fi żmien il-Gran Mastru Nikola Cottoner u l-Isqof Astiria, reġgħet feġġgħet il-pesta u kienet qalila. Kienu mietu madwar 11,300 ruħ, 20% tal-popolazzjoni, li kienet tammonta għal madwar 56,500 ruħ. Kienet ħarbtet l-aktar l-ibliet u rħula ta' madwar il-port. Reġgħet feġġet il-pesta fl-1813, fi żmien il-gvernatur Sir Thomas Maitland u l-Isqof Mattei bl-ewwel mewt iseħħ fis-16 t'April. Minn popolazzjoni ta' madwar 110,800 ruħ, qerdet madwar 4,668. Xi rħula bħal Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u Birkirkara, fejn il-marda laqtet bil-kbir, kienu ġew iżolati, bis-suldati għassa magħhom biex iħarsu milli jiġu miksura l-liġijiet tal-kwarantina.

L-Isla, Ħal Għargħur, Ħal Balzan, Ħal Kirkop, Ħal Safi, Ħal Għaxaq u l-Qrendi, kienu baqgħu bla mittiefsa.

Il-pesta laqtet lil Malta bosta drabi oħra. Fl-1819 mietu 2. Fl-1821 mietu 12. Fl-1828 min marad fieq. Fl-1835 mietu 6. Fl-1837 mietu 4. Fl-1840 mietu 2. Fl-1841 mietu 25. Dawn kienu kważi kollha każi ta' individwi li waslu fuq vapuri u mietu waqt li kienu jinżammu kwarantina. Bejn is-snin 1819 u l-1841, kienu mietu b'kollox 51 ruħ, li 11 biss minnhom kienu Maltin. Fl-1897 laqtet ukoll. Fl-1917, mietu madwar 12 il-ruħ . Din id-darba il-pesta kienet bdiet minn maħżen tal-merkanzija. Kien hemm xi ġrieden fil-kaxxi tal-merkanzija, li marrdu lil min fetaħ waħda mill-kaxxi u bosta li kellhom kuntatt ma dan il-bniedem, mardu wkoll. Fl-1936 kien hawn xi każijiet ta' pesta. Jaħsbu li kienet daħlet ma xi ikel tal-annimali, impurtat mill-Afrika ta' Fuq. Damet sa Mejju 1937. Fi tmien it-Tieni Gwerra Dinjija, feġġet il-pesta f'Malta bl-ewwel każ fit-18 ta'Ġunju 1945. Damet tkarkar sena.

## L-Oriġini tal-Pesta

Huwa maħsub li l-pesta oriġinat mill-Asja, qrib iċ-Ċina u xterdet ftit ftit lejn l-Ewropa u l-Afrika, permezz tal-ġrieden u l-kuntatti li kienu bdew isiru ma' dawn il-pajjiżi.

Fil-qedem, il-pesta ma kinux jafu kif torriġina. Kien hemm min jaħseb li tiġi mill-arja ħażina. Oħrajn kienu jaħsbu li kienet tiġi minn xi ikel jew xorb ikkontaminat jew ivvelenat. Saħansitra, kien hemm żmien, meta waħħlu fil-Lhud. Eżempju ta' dan insibu li fl-1348, il-pesta laqtet bil-kbir lil Ewropa. Kienu waħħlu fil-Lhud li kienu avvelinaw l-ilma tant li f'bosta pajjiżi Ewropej, wara li kienet imxiet il-kelma, dawn in-nies bdew jiġu ppersegwitati u qerdulhom il-propjetà u s-sinagogi tagħhom.

Kien fl-1894 li x-xjenzat Svediż Alexandre Yersin, skopra l-*bacterium* ta' din il-marda, meta f'Hong Kong kienet għaddejja epidemija tal-pesta. Kienu semmew dan il-*bacterium* Pasteurella Pestis, iżda fl-1967, kienu semmewh Yersinia Pestis, għall-isem ix-xjenzat li skoprieh. Il-*bacterium* għandu forma ċilindrika. Dan il-bacterium insibuh fi tliet forom meta jattakka lill-bniedem, il-*pneumonic, septicemic* u *l-bubonic*.



Bergħut infettat, il-kawża tal-pesta bubonika

It-tip ta' pesta *pneumonic* taffettwa l-pulmun u hija rari. Dik *septicemic*, taffettwa d-demm u hija letali ħafna, iżda hija l-aktar waħda rari. Il-bubonika hija l-aktar tip tal-marda, li hija komuni. Il-marda tittieħed permezz ta' gidma minn bergħut infettat, minn fuq firien jew ġrieden morda. Tiġi trasmessa wkoll permezz ta' xi qasma fil-ġilda jew mis-sogħla, meta xi ħadd marid jisgħol u jtajjar minn ħalqu. Jekk ma titteħidx kura immedjata, taf toqtol fi żmien erbat ijiem. F'salt wieħed kien jaqbadhom deni qawwi, uġigħ ta' ras, mejt, jinqatgħalhom l-aptit u tqallieħ kbir fl-istonku. Jibdew jidhru bubuni bil-materja u demm, mal-wirk, fiż-żaqq, wara l-widnejn, mal-għonq u taħt l-apt. Dawn aktarx li kienu jinfasdu u jsiru ġrieħi jnixxu d-demm. L-ilsien jixxotta u jibdel il-kulur.

Il-vittma jaqbadha għatx klubi. L-awrina għall-ewwel tiddardar u aktar mal-marda tidħol il-ġewwa aktar tiskura, ssir sewda u tibda tinten ħafna. Il-polz, l-ewwel jibda jħabbat bil-qawwi, wara jnaqqas, tant li kważi ma jibqax jinħass. Il-vittma tibda tintilef u thewden u fl-aħħar tmut.

Għall-grazzja t'Alla, illum il-mediċina u l-fejqan tant kibru, li għandna kura għal ħafna mill-mard li jeżisti, iżda xorta waħda trid tingħata attenzjoni speċjali fejn tidħol l-indafa, għax il-mard bosta drabi, jibda mill-ħmieġ u t-traskuraġni.

## Liġijiet fi żmien il-Pesta u l-Kastigi għal min jiksirhom

Il-liġi tal-kwarantina kienet tiġi osservata ma' kull moviment li kien isir fil-port, fl-ibliet u rħula, kif ukoll fil-kampanja madwar il-Gżejjer Maltin. Jekk kienet tasal il-kelma f'Malta li f'xi pajjiż l-aktar dawk ġirien, kien ikun hemm xi mard kontaġġjuz, kien jikber il-biżgħa u kienet issir attenzjoni speċjali fuq kull moviment li kien isir fil-port. Fl-1733 f'Barberija kien hemm il-pesta. F'Malta tnissel biżgħa kbir. Hekk ġara fl-1743, Sqallija kienet milquta bil-pesta, l-awtoritajiet ħadu prekawzjonijiet akbar. Kull meta deher f'Malta mard kontaġġjuż, bħalma hija l-pesta kienu joħorġu sensiela ta' liġijiet ġodda, filwaqt li jinfurzaw dawk ġa eżistenti, biex kemm jista' jkun irażżnu l-marda milli tinxtered u teqred aktar nies. Il-Katapan (dak li kien jieħu ħsieb l-indafa pubblika), u wara l-awtoritajiet sanitarji, kienu jkunu b'għajnejhom miftuħa, meta kien jasal xi mirkeb, biex jaraw li ma jkunx hemm mard abbord, kif ukoll kienu jitkixxfu jekk fil-pajjiz minn fejn ikun ġej il-mirkeb ikunx hemm mard. Kull mirkeb, kien obligat li jtellgħa bandiera safra, f'każ li jkun hemm xi mard abbord, biex juri lill-awtorità li kellu l-mard fuq il-mirkeb tiegħu u kellu bżonn ta'uffiċjali mediċi biex jigwidawh fejn kellu jagħmel il-kwarantina. Kien hemm kastigi ħorox għal min kien jipprova jevita l-kwarantina jew jikser il-liġi. Min jinqabad setgħa jiġi mħaġġar jew jisparawlu f'każ li jkun hemm xi mard. Nhar l-20 ta'Ġunju 1523, bastiment infettat ta'ċertu Antoni Cascuni wasal Malta mill-Barbarija u nstab li kien infettat. Inżamm kwarantina. Kien ġie issuġġerit li tinħatt il-merkanzija biex tinħaraq. Is-sid m'aċċettax il-proposta. L-awtoritajiet imbagħad ordnaw li l-mirkeb, bit-tagħbija b'kollox

jiġi meqrud. Dan biex jiġi evitat it-tixrid tal-mard. Min kien jinqabad jikser il-liġi, saħansitra ġieli ġie issentenzjat fit-triq stess. Bħal meta kuċċier li kien jaħdem fil-palazz tal-Gran Mastru, deher spiss iħokk driegħu, qajjem suspett u sparawlu fi Triq Merkanti l-Belt. L-istess ġralu furnar, li deher jagħmel ċerta mossi, li ġabu suspetti lil min rah, irraportawh u sparawlu. Għassies li kien għassa mal-isptar tal-Lazzarett, inqabad jikser il-liġi tal-kwarantina u l-istess, ġie ssentenzjat għal mewt. Wara kienu ħafrulu u twaħħlet lapida biex tfakkar din il-ġrajja.

Regolamenti għal waqt il-mard kienu joħorġu minn żmien għal żmien. Kienu jġiegħlu li ma jsirx ċaqliq ta' vapuri. Teatri u l-qrati kellhom jinżammu magħluqa. Klieb u qtates kellhom jinżammu ġewwa. Il-folol kienu pprojbiti. Ma setax jinbiegħ drapp fit-toroq. It-tallaba ma setgħux jittallbu fit-toroq. Kellu jsir tindif tad-djar u dak kollu li ma kienx hemm bżonnu kellu jintrema. Bħaċ-ċraret kellhom jinħarqu. Il-poplu kien imġiegħel biex kemm jista' jkun ma joħroġx barra u fejn kien ikun il-każ, jiġi evitat kuntatt man-nies. Kellhom ilaħalħu l-prodotti tal-ikel u jnaddfuhom sewwa qabel jikkunsmawhom. Il-flus kellhom jinħaslu fil-ħall. Il-ħobż ma kellux jittiekel qabel jiksaħ sewwa. Il-karti kellhom jinħarqu. Il-ħwejjeġ kellhom jinħaslu fid-djar u mhux barra. Ma setgħax isir rimi ta' ħmieġ barra fit-triq. Tingħata l-piena tal-mewt lil min kien jaħbi l-mard. Dawk li jinqabdu bla raġuni barra minn darhom, jittieħdu passi bil-maġistrat. L-ebda kuntatt ma seta' jsir ma' bastimenti, jew jaħdmu bid-dgħajjes wara 8 ta' filgħaxija. Ma setgħux jgħabbu aktar minn 5 persuni fuq dgħajsa. Min jikxef xi qerq li seta' jtellef jew jisfratta x-xogħol tal-Gvern, kellu jingħata s-somma ta' 400 biċċa, bħala rigal. Ħadd ma seta' jibdel daru jew idaħħal xi nies miegħu bla permess. Il-ħwienet kellhom jagħlqu bejn inżul ix-xemx u 6 ta' filgħodu. Biex iżżomm ħanut miftuħ ridt ikollok permess speċjali. Ħadd ma seta' joħroġ minn daru bejn inżul u tlugħ ix-xemx. Meta l-marda kienet tiskala, kienu waqqfu l-bejjiegħa milli jbiegħu fit-toroq. Ħadd ma seta' jieħu sehem f'xi folla. Ġew projbiti mħaded jew għata fil-kalessi. Ħadd ma seta' jinżel jew jitla' fuq vapur bla permess. Fejn ikun hemm xi raħal li jkun iżolat minn kull kuntatt ma' xi mkien ieħor, ħadd ma seta' jersaq, jidħol jew joħroġ minnu. Ħadd ma seta' jonxor fil-galleriji, twieqi jew bibien. Min jinqabad, kien jiġi arrestat, proċessat u jew jintefa' l-ħabs, inkella jiġi msawwat. Min jaħbi l-mard, jibdel daru jew jiffrekwenta djar ta' ħadd ieħor, l-aktar jekk ikunu mniġġsa, bla permess speċjali tas-sanità, seta' jingħata l-piena tal-mewt. F'kull lokalità kellha ssir sorveljanza biex tinżamm l-ordni, l-indafa u jaraw li tiġi osservata l-liġi tal-kwarantina. Ġiet projbita l-kaċċa u l-isparar ta' xi xkubetta. Meta laħaq il-qoton għal ħsad ġie pprojbit il-ħsad tiegħu, dan għaliex biex isir il-ħsad ikun hemm numru mdaqqas ta' nies.



Pittura *ex-voto* tal-pesta tal-1813, li turi l-barrikati mibnija fil-limiti tal-Belt sabiex l-infettati jinżammu 'l barra minnhom. Dawn il-barrikati kienu jkunu mgħassa, u dawk li jipprovaw jidħlu kienu jiġu maqtula

## Pekawzjonijiet biex tiġi mrażżna l-marda

Attenzjoni speċjali kienet issir fuq kulma jidħol u joħroġ mill-port, speċjalment f'każijiet meta kienet tasal il-kelma li jkun hemm il-mard barra.

Viċi versa, ġieli kien jiġri li xi xniegħa kienet tasal f'xi art barranija, li f'pajjiżna jkun żarna l-mard, allura kienu jibdew jiżolaw lil Malta. Każ bħal dan ġara fl-1777. L-Inkwiżitur Zondadari, nhar l-24 t'Ottubru kiteb ittra lill-kardinal segretarju tal-Papa, fejn ċaħad bil-qawwa kollha li f'Malta kien hawn xi forma ta' mard jittieħed. Ammetta li kien hemm każijiet iżolati ta' malarja f'raħal żgħir f'Għawdex, li ġew kontrollati. Iżda mard ieħor ma kienx hemm. Kienu jafu li f'każ ta' iżolament, il-poplu kien ibati l-ġuħ għax l-ebda kummerċ ma kien jitħalla jsir.




L-isptar tal-pesta u l-Lazzarett mibnija maġenb Forti Manoel sabiex jikkura l-pazjenti u tintuża bħala faċilità fil-port tal-kwarantina. Pjanta tal-1865



Il-Lazzarett

Biex jevitaw li jiżdied it-tixrid tal-marda, dawk li kienu jkunu morda flimkien ma' qrabathom u dawk li jkollhom kuntat magħhom, kienu jintbagħtu fil-kabbani tal-injam li kienu jinbnew fuq il-gżira tal-Isqof. Meta din il-gżira għaddiet f'idejn l-Ordni u l-Gran Mastru Manoel De Vilhena bena fortizza fuqha, kif ukoll, fl-1723, bena l-isptar ta' Lazzarett il-morda bdew jintbagħtu hemm. Kienu mbagħad jindisinfettaw id-djar kontaminati u jeqirdu xi annimali kif ukoll affarijiet li kien ikun hemm ta' bla bżonn. Kienu jindiżinfettaw it-toroq, djar u affarijiet bil-fwieħa, biex ibiegħdu l-mard. Tiġi sospiża kull attività li tiġbed numru mdaqqas ta' nies jew folol. L-Isqof kien talab lin-nies biex minflok imorru l-knisja jibqgħu ġewwa u jirreċtaw ħmistax il-posta rużarju u fil-ħin li l-qassis ikun qiegħed iqaddes fil-knisja, fejn kien jingħata sinjal bit-tokki tal-qanpiena kellhom jingħaqdu miegħu fil-ħsieb. Meta l-marda kienet tkun għadha fil-bidu kienu jqaddsu fit-toroq, triq triq u n-nies kienet mitluba tismagħha minn xi tieqa jew gallerija. Kienu jqaddsu minn fuq is-sur ta' Marsamxett, biex dawk miżmumin f'Lazzarett, setgħu tal-anqas jieħdu sehem bil-ħsieb, għax hemm 'il bogħod. Xi wħud li kellhom dar barra l-Belt, f'xi raħal jew fil-kampanja, kienu jitolbu permess biex jitbiegħdu kemm jista' jkun mill-ħambqa tan-nies. Peress li l-popolazzjoni ta' madwar il-port, kienet tkun densa, dawn l-aktar li batew meta l-pesta laqtet lil Malta. Jingħad li Fra Mattia Preti, li kellu residenza fiż-Żurrieq, dabbar rasu mill-ħambqa tal-Belt Valletta, biex jevita milli jiġi kontaminat mill-marda.

Kultant kien jiġri li l-awtoritajiet u t-tobba ma jaqblux dwar is-sintomi tal-marda. Ġieli l-istess tobba tal-Gvern, kienu jaċċettaw il-proposti ta' tobba ċivili u kienu jħallu kollox għaddej, qisu li jkun xi mard komuni. Meta mbagħad il-marda kienet tidħol 'il ġewwa u kienu jindunaw, kien jinqala' paniku kbir. Fl-1675, ġara dan il-każ. It-tabib tal-Gvern sab li kienet epidemija tal-pesta, pero tabib ieħor ikkontestah li ma kinetx. Il-Gvern għażel li joqgħod fuq li qal tal-aħħar, bil-konsegwenza li l-marda kaxkret magħha l-ħajja ta' madwar 11, 300 ruħ. Wara dan il-każ, kienet tqajmet il-ħtieġa li titwaqqaf il-*Camera Medica*.

## Vittmi tal-Pesta waqt il-qadi ta' dmirijiethom

Kienu bosta dawk it-tobba, patrijiet u qassisin, li baqgħu jieħdu ħsieb is-saħħa materjali u spiritwali tal-poplu Malti tul il-mard li kien jolqtu. Bosta minnhom ħallew ħajjithom propju

għaliex tħalltu mal-morda u sfaw morda bl-istess marda. Eżempju ta' dan, kien li fil-pesta tal-1592-93, Dun Vinċenz Caruana, baqa' jamministra s-sagramenti u jdur b'dawk kollha li ntlaqtu minn dak il-flaġell ikrah fl-Isla.

It-tabib Lorenzo Thei, skopra l-pesta tal-1813-14. Baqa' jgħin lill-morda, marad u miet bil-pesta.

Waqt li kienet għaddejja l-marda tal-pesta fl-1676, tabib ingħata ħmara biex ikun jista' jdur bil-pazjenti. Meta safa konvalexxenti, forsi marad huwa wkoll, ingħata portantina (*sedan chair*), biex ikompli ħidmietu.

Don Matteolo Stafragi, li kien ir-raba' kappillan ta' Ħal Kirkop, laħaq kappillan, fis-6 t'Awwissu 1659 u dam sal-1665, miet fl-14 ta' Mejju 1676, bil-pesta u ndifen fiċ-ċimiterju tal-infettati fil-Birgu.

Ma' dawn hemm numru kbir ta' patrijiet u reliġjuzi oħra u min jaf kemm nies ta' qalb tajba, li biex jgħinu l-proxxmu tagħhom, kif titlob ir-reliġjon Kattolika, ħallew ġildhom għall-kawża hekk qaddisa.

## Ġbir tal-iġsma u d-dfin tagħhom

Meta l-pesta kienet tolqot lil pajjiżna u tibda turi snienha, kienet taqa' biża' kbira fost il-poplu Malti. Dan għaliex, kienet marda li jekk tisfa marid biha ftit li xejn kien hemm tama li tfiq. Aktar u aktar, meta kienet tibda ssir ħarxa u kienu jibdew imutu anke l-istess infermiera, bokkamorti u deffiena. Meta kien jiġri hekk, kienu joħorġu lill-ħabsin u jinġiebu priġunieri tal-gwerra, biex jagħmlu xogħol l-infermiera, bokkamorti jew deffiena li jkunu mietu. F'xi każi, kienu anke ġabu nies ikkundannati għal-mewt minn pajjiżi oħra, bħalma huma l-Greċja, Sqallija, Tunes u Lixandra. B'nies ta' qattani u delinkwenti bħal dawn, il-biża fost il-poplu kienet tikber. Dan għaliex kien isir kull xorta ta' serq u atti indiċenti, tant li bosta minnhom li skansaw il-mewt wara li waqfet il-marda kienu ġew iġġustizzjati, fuq atti gravi li kienu wettqu fuq il-vittmi u l-propjetà tagħhom. Is-Sur Tancredi Borg, fil-ktieb tiegħu dwar il-pesta, jirrakkonta li bużnanntu, ċerta Anni Galea, li fl-1894 kienet tgħodd il-102 snin, kienet tirrakkonta, li meta fl-1813, Malta ntlaqtet mill-flaġell tal-pesta, hija kellha 21 sena. Kienet tiftakar lil ħabsin, kienu jkunu lebsin imnatar twal tal-kotnina, (tip ta' drapp minsuġ mill-qoton), mogħtija ż-żejt, bil-barnuż f'rashom, li minnu ma kien jidher xejn għajr għajnejhom jibbru bil-qilla tal-ħell (ħażen). Fejn kienu jersqu jew jidħlu, kienu jikkommettu diżonestajiet kbar ma' kull min jiġi quddiemhom. Jisirqu kulma jsibu. Isawtu lil min ma jobdihomx. Ma juru l-ebda rispett lejn il-moribondi jew il-katavri, fejn saħansitra, kienu jixħtuhom mit-twieqi u l-galleriji għal ġol- karru tal-mejtin. Dan il-karru, kien jikkonsisti f'kaxxa tal-injam tawwalija, li kienet timxi fuq ir-roti. Kellha lasta forma ta' "T" fuq quddiem, biex jiġbdu minnha, kif ukoll lasta fuq wara biex jimbuttaw minnha. Kienu jiżbgħu salib aħmar fuq quddiem jew fil-ġnub tal-kaxxa. Huma u għaddejjin kienu jdoqqu qanpiena, biex iwarrbu n-nies jekk jinzertaw barra. Id-dfin ma kienx jibqa' jsir fil-knejjes parrokkjali. Il-vittmi ta' mard kontaġġjuż, bħalma hi l-pesta, kienu jindifnu f'xi kappella fil-kampanja, inkella



**Il-karru tal-mejtin li ntuża għall-pesta tal-1813, Mużew tas-Santwarju, Ħaż-Żabbar**






Iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija oriġina bħala ċimiterju tal-pesta tal-1813 kif għadu ndikat taħt ir-ras ta' mewt fuq il-bieb prinċipali

ġo xi ċimiterju, li aktarx kienu jirreferu għalih bħala tal-infetti, għax kien isir dfin ta' dawk li mietu b'mard jittieħed biss. F'każ li l-marda tant tkun skalat u l-vittmi kienu jkunu bil-bosta, fejn ma kienx hemm ċimiterji jew kappelli fejn jindifnu, kienu jsibu xi biċċa art u jidfnu fiha. Fil-kappella ta' San Nikola, f'tal-Barrani, kienu jidfnu dawk li mietu bil-pesta minn Ħal Tarxien. Maġenb il-knisja parrokkjali tal-Isla, kien inbena ċimiterju, b'kappella ddedikata lil Santu Rokku, għal-dawk li jmutu bil-pesta. Kien inbena ċimiterju ieħor, lejn Kordin, fin-niżla ta' Għajn Dwieli għal użu waqt xi epidemija. Meta miet ċertu Francesco Mallia u martu f'Ħal Luqa, dawn indifnu fl-għalqa ta' Marianu Taliana, li kienet tmiss mal-knisja ta' Santa Marija tal-Ibwar, f'Wied il-Knejjes. Tgħid dan Marju Taliana, huwa missier Dun Karlu Taliana, l-ewwel kappillan ta' Ħal Kirkop?

Marda bħalma hija l-pesta, wara li tbatti, kienet tħalli ħerba. Faqar kbir, ġuħ, familji mfarrkin, jew meqrudin għalkollox, saħansitra, ġieli ħarbtet komunita sħiħa, meta din tkun tant żgħira, bħalma ġara f'Ħal Kideri (Qdieri), wara l-pesta tal-1592-93. Fl-1575, l-ebda maħluq ma kien għadu jgħix fl-inħawi.



Statwa ta' Santu Rokku fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' San Leonardu, Ħal Kirkop



Statwa ta' Santu Rokku f'niċċa fi Triq San Benedittu, Ħal Kirkop

## Wegħdi għall-fejqan u ringrazzjamenti għall-ħelsien mill-Pesta

Tista' tgħid, li f'kull belt jew raħal f'Malta, għandek issib statwi f'niċeċ jew fuq pedistalli, kappelli, knejjes u altari, iddedikati lil San Bastjan jew Santu Rokku, kif ukoll lill-qaddisin oħra, li kienu twaqqfu bħala ringrazzjament għall-ħelsien mill-marda tal-pesta. F'Ħal Kirkop għandna statwa ta' Santu Rokku fuq iz-zuntier mal-lemin tal-bieb prinċipali tal-knisja, flimkien ma' dik tal-Patrun San Leonardu. Għandna triq imsemmija għal Santu Rokku, kif ukoll niċċa ma'

faċċata ta' dar fi Triq San Benedittu. Forsi l-istatwa ta' fuq iz-zuntier saret wara l-pesta tal-1813 meta Ħal Kirkop baqa' bla mittiefes. (Hija ħasra li ma nafux min ħadem din l-istatwa).

Bosta huma dawk li jqisu l-purċissjoni ta' San Girgor kienet bdiet bħala wegħda lill-Ħanin Alla, talli kien skansa lill-gżejjer Maltin minn xi flaġell tal-pesta, milli tkompli tinxtered f'pajjiżna. Din kienet issir kull 12 ta' Marzu, wara bdew jagħmluha l-ewwel Erbgħa wara l-Għid il-Kbir. Illum wara riċerka ġdida li kienet saret, kien ġie magħruf li din il-purċissjoni kienet bdiet issir fl-1543 fuq ordni tal-Isqof Domenico Cubelles bħala sagrifiċċju u talb lil Alla, biex jagħti l-paċi u jġib l-għaqda fost il-ġnus insara.


Filippo Paladini, San Pawl, Santu Rokku u San Bastjan, Knisja Kolleġġjali ta' San Lawrenz, il-Birgu. Dan il-kwadru hu mifhum li ġie kkumissjonat mill-Gran Mastru Verdalle bħala wegħda fil-pesta tal-1592-93

Purċissjoni aktar antika minn dik ta' San Girgor, hija l-purċissjoni li bdiet issir fl-1501 bħala radd ta' ħajr lis-Sema, għall-waqfien tal-pesta. Dik id-darba, il-flaġell qerriedi tal-pesta kien laqat bil-kbir lill-gżejjer Maltin u kienu bdew imutu ħafna nies. Il-poplu mingħajr kura u bil-mewt wara l-bieb, beda jirrikorri fit-talb tiegħu, lil San Bastjan, u lil Santu Rokku, jitolbuhom, biex jirrikorru għalihom, quddiem il-ħniena tas-Sema, biex jiskansalhom mewta ċerta jekk jaħsel jiġu nfettati bil-marda. Dak iż-żmien fl-1501, Malta kienet immexxija mill-Vigarju tal-Isqof, għaliex l-Isqof Mons. Ġakbu Valguarnera kien l-Italja, marid jissielet għal-ħajtu. Dak iż-żmien, l-Isqof aktarx li kien ikun residenti l-Italja jew Sqallija. Il-Vigarju, flimkien mal-kapitlu tal-Katidral tal-Imdina, kien ħalef il-wegħda f'isem il-poplu Malti kollu, li jorganizzaw purċissjoni votiva kull sena bħala radd ta' ħajr lil Alla, talli jkun ħelishom mill-flaġell tal-pesta. Il-wegħda nżammet ma' San Bastjan, wieħed mill-protetturi tal-pesta, sa mis-sena 680 W.K. u wiegħdu li kull nhar l-20 ta' Jannar, fil-festa tiegħu, kellhom jiċċelebraw din il-purċissjoni, li kienet titlaq mill-katidral u tibqa' sejra sal-knisja tiegħu fir-Rabat. Kienu jieħdu sehem ħafna nies, li flimkien mal-Vigarju, mal-kapitlu kif ukoll mal-patrijiet tal-kunventi tar-Rabat u l-Imdina, akkumpanjati mill-fratellanzi, kienu jimxu, jitolbu u jirringrazzjaw lil Alla talli jkun semgħa t-talb tagħhom u kkonċeda l-grazzja mitluba. Kienu jsiru wegħdi oħra, mal-Madonna, mar-Redentur, mas-Sagrament, kif ukoll ma' qaddisin oħra. Fit-8 t'Awwissu 1813, il-kapitlu u l-fratellanzi tal-Isla, flimkien mal-Logotenent Gvernatur ħalfu l-wegħda li jsir pellegrinaġġ sal-knisja tad-Dumnikani tal-Birgu bl-istatwa tar-Redentur u l-Immakulata Kunċizzjoni (kif kien isejħu lil Madonna flok Bambina). Wiegħdu wkoll, li jekk il-purċissjoni li ssir kull sena fil-Vitorja titħassar minħabba l-maltemp, din issir darb'oħra. Jibda jsir pellegrinaġġ kull sena bl-istatwa tar-Redentur, kull tielet ħadd ta' Ġunju. Issir quddiesa kull sena fid-data li titħabbar il-waqfien tal-marda bħala ringrazzjament. Wiegħdu wkoll li ssir statwa tal-Verġni Marija, f'post prominenti fl-Isla. Din kienet saret u nħadmet mill-artist Vincenzo Dimech.

## Il-Pesta u Ħal Kirkop

Jidher, li għalkemm il-pesta żaret lil Malta bosta drabi, ma jidhirx li qatt laqtet bil-kbir lill-

poplu ta' Ħal Kirkop. Anzi ftit tissemma. Jista jagħti l-każ, li kien hemm vittmi tal-pesta qabel twaqqfet il-parroċċa u beda jitniżżel dak kollu li jolqot il-poplu ta' Ħal Kirkop. Wara t-twaqqif tal-parroċċa, ma jidhirx li Ħal Kirkop ntlaqat wisq. Jidher li meta l-pesta attakkat lil Malta fl-1675-76, kienu tmienja, 4 nisa u 4 irġiel, li waqgħu vittma ta' dan il-flaġell. Dawn kienu ndifnu fiċ-ċimiterju li kien hemm maġenb il-knisja ta' San Ġakbu. Meta fl-1813, reġa' kellna l-flaġell tal-pesta, li laqat bil-kbir, Ħal Kirkop baqa' bla mittiefes. Jista' jagħti l-każ li peress li Ħal Kirkop, kien raħal fl-apert, fil-kampanja, dan għen, biex il-marda ma tantx tittieħed. Jista' jkun ukoll, li peress li l-poplu ta' Ħal Kirkop, fil-maġġoranza tiegħu kien jgħix mir-raba' u t-trobbija tal-bhejjem, ma tantx kien isir taħlit lejn l-ibliet, fejn il-mard aktarx li kien ikun fil-qofol tiegħu.

Kien hemm postijiet oħra fejn isir id-dfin f'Ħal Kirkop. Kien hemm il-knisja tal-Lunzjata, il-parroċċa San Leonardu, li f'każ ta' mard ma kienx jitħalla li jsir dfin. Kien hemm il-kumpless tal-knisja ta' San Nikola, b'dik ta' San Ġwann l-Għammiedi tmiss magħha, fejn kien hemm ukoll ċimiterju miftuħ. Jista' jagħti l-każ, li kien isir xi dfin ta' mard jittieħed bħalma hija l-pesta, f'dan iċ-ċimiterju?

Jekk noqogħdu fuq dak li hemm imniżżel fir-reġistri tal-parroċċa, nistgħu ngħidu li l-poplu ta' Ħal Kirkop kellu l-mantell tal-Protetturi tiegħu jgħattuh sewwa, għax ftit huma l-imwiet bil-pesta, meta tqis li xi drabi, kaxkret l-eluf u ħarbtet il-popolazzjoni ta' Malta.

**Bibljografija**


Abbe De Vertot, *The History of the Knights of Malta*, London, 1728, facsimile edition, Malta, 1989.

Abela Giovanni Francesco, *Della Descrittione di Malta, Isola nel Mare Siciliano, con le sue Antichità, ed Altre Notitie*, 1st edition 1647, facsimile edition, Malta, 1984.

Aquilina Ġorġ , *Il-Franġiskani Maltin (Ta' Ġieżu) 1482c-1965c (sal-Konċilju Vatikan II)*, Malta, 2011.

Aquilina Ġorġ, *Is-Sorijiet Ġerosolimitani, il-Knisja u l-Monasteru ta' Sant'Ursola, Valletta*, Malta, 2004.

Attard Lawrence E., *L-Emigrazzjoni Maltija : is-seklu dsatax u għoxrin*, Malta, 1999.

Bonnici Alexander, *L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija*, Vol.I -III, Malta, 1981.

Bonnici Alexander, *Storja tal-Inkiżizzjoni ta' Malta*, Vol.I-III, Malta, 1993.

Bonnici J. and Cassar M., *A Chronicle of Twentieth Century Malta*, Malta, 2004.

Borg Tankredi, *Malta u l-Gwaj tal-Pesta*, Malta, 2004.

Borg Vincent, *Il-Knisja Parrokjali Ta' Ħal Tarxien 1610-2010*, Malta, 2010.

Bres Onorato, *Malta Antica Illustrata co' Monumenti e coll' Istoria*, Rome, 1816, facsimile edition, Malta, 1985.

Cassar Carmel, *A Concise History of Malta*, Malta, 2000.

Cassar Carmel, *Society Culture and Identity in Early Modern Malta*, Malta, 2000.

Castagna Pieto Paolo, *Lis Storja ta Malta bil-Gzejer tahha*, Malta, 1888, facsimile edition, Malta, 1985.

Ciappara Frans, *Roman Inquisition in Enlightened Malta*, Malta, 2000.

De Boisgelin Louis, *Ancient and Modern Malta*, Vol I-III, facsmilie edition, Malta, 1988.

Ellul Galea Karmenu, It-Trejdjunjonizmu F'Malta, Vol I-IV, Malta, 1993.

Farrugia Charles J., *Sicut Lilium: devozzjoni u ritwal tul is-sekli*, Malta, 2012.

Ferris Achille, *Descrizione Storica Delle Chiese Di Malta e Gozo*, Malta 1866, facsimile edition, Malta, 1985.

Freller Thomas, *Malta: The Order of St. John*, Malta, 2010.

Galea Joseph, *Art Twelidi: dizzjunarju storiku*, Malta, 1984.

Grech Jesmond, *Malta taħt l-Ingliżi: ġrajjiet il-poplu Malti fl-Imperu Ingliż*, Malta, 1997.

Guillaumier Alfie, *Bliet u Rħula Maltin*, Malta, 2002.

Hordman William, *A history of Malta during the period of the French and British occupations, 1798-1815*, 1st edition 1909, facimile edition, Malta, 2009.

Lanfranco Guido, *L-Istorja tat-Trasport fil-Gżejjer Maltin*, Malta, 1999.

Micallef Joseph, *Ħal-Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Malta, 1975.

Mizzi J.A. and Vella M.A., *Malta at War*, Malta, 2001.

Mizzi Pawlu (ed.), *Heritage* Vol 1, Malta, undated.

Morana Martin, *Bejn Kliem u Storja : glossarju enċiklopediku dwar tradizzjonijiet - toponimi - termini storiċi Maltin*, Malta, 2011.

Mula Charles, *The Princes of Malta : the Grand Masters of the Order of St. John in Malta, 1530-1798*, Malta, 2000.

Savona Ventura Charles , *Ancient And Medieival Medicine in Malta (before 1600AD)*, Malta, 2004.
Savona Ventura Charles, *L-Istorja tal-Mediċina fil-Gżejjer Maltin*,Malta, 1999.
Seracino-Inglott Erin, *Il-Miklem Malti*, Malta, 1975.
Vella Horatio C.R., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' Madwaru*, Vol.I, Malta, 2000.
Vella Horatio C.R., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' Madwaru*, Vol.II, Malta, 2008.

**Siti tal-Internet**

www.u.com.mt//lehensewwazoom.asp?article=47.
http://www.zurrieqparish.org/node/416.
hhtp://www.1911encyclopedia.org/Plague.